**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru 107/2019**

**Cyrus Dunlop**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Cyrus Dunlop i**pprezentat fid-29 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent ottjena Certifikat ta' Gwardjan Privat skont kif jidher f'Dokument B anness liema Certifikat jikkwalifikah sabiex isib xoghol bhala Gwardjan Privat.*

*Illi r-rikorrent applika sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija permess ta' ittra datata 1 ta' Ottubru 2019 irrifjuta l-applikazzjoni tieghu sabiex jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat minhabba l-Artikolu 10 (a) (i) tal-kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (***Dokument A***).*

*Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat mid-decizjoni ta' rifjut tal-imsemmija licenzja stante illi huwa kien mressaq flimkien ma' terza persuna li kellu diversi reati gravi mentri huwa ammetta u nstab hati fuq tilwima ma' barrani li fiha tile fil-mobile telephone tant li nghata sentenza ta' xoghol fil-komunita' u Probation ghal tliet snin u kwindi nghata combination order li nghatat fis-sena 2011.* ***Vide Dokument F***.

*Illi r-rikorrent illum huwa missier ta' tarbija u ghandu familja, dejjem baqa' jahdem u jixtieq li jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat ghaliex ghandu prospetti tajbin ta' xoghol u minghajr tali licenzja ma jistax jahdem l-imsemmi xoghol.*

*Illi r-rikorrenti talab formalment lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrevedi t-talba tieghu u japprova tali licenzja.* ***Dokument G****.*

*Illi l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 jipprefiggi xahar zmien sabiex ir-rikorrent jaghmel sottomissjonijiet sabiex din id-decizjoni tigi riveduta quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.*

*Illi r-rikorrent isostni l-posizzjoni legali bhala wahda identika u li fuqha sija dan l-Onorabbli Tribunal u sija l-Qorti tal-Appell kienet ippronuncjat ruhha fuq kaz identiku ghal dak tar-rikorrent liema kaz ngab a formali konjizzjoni tal-intimat senjatament il-kaz pronuncjat fid-decizjoni sija tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li in segwitu giet ikkonfermata wara appell ipprezentat fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) li kien jitratta proprju decizjoni u revoka ta' rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar rifjut ta' licenzja ta' Gwardjan Privat liema sentenza ggib numru* ***267/2011 fl-ismijiet Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija*** *moghtija fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' April 2012 kif ukoll deciza u kkonfermata fl-Appell mill-Onor Gino Camilleri fis-6 ta' Mejju 2014 fl-istess ismijiet. (****Video Dok D u Dok E****).*

*Illi r-rikorrenti jgawdi minn Certifikat tal-Kondotta nadifa hawn anness bhala* ***Dokument C****.*

***Talba***

***Ghaldaqstant*** *umilment u bir-rispett ir-rikorrent jitlob umilment li dan l-Onorabbli Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva joghgbu jikkunsidra r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija rregolari u li kien jimmerita l-approvazzjoni tal-Licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-insejament pronuncjat fil-kaz numru 267/2011 fl-ismijiet Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija supra citat.*

*Illi jitlob umilment li dan it-Tribunal jordna u jidderiegi l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jawtorizza l-hrug tal-licenzja ta' Gwardjan Privat favur ir-rikorrent."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** pprezentata fit-2 ta' Dicembru 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi fil-meritu, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta l-ħruġ tal-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-****Artikolu 10 (a) (i)*** *tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), u ċioe` minħabba delitt kontra l-proprjeta`, aggravat bil-vjolenza, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent, fuq ammissjoni tiegħu stess, instab ħati nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru, 2011, talli flimkien ma' terza persuna "Nhar il-25 ta' Ġunju 2011 għall-ħabta tat-3am ġewwa Escape, Triq San Ġorġ San Ġiljan, ikkommettew serq ta' diversi oġġetti minn fuq il-persuna ta' Ibrahim Chaharou, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-ħin; aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġunaw ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ibrahim Chaharou, skond kif ġie ċċertifikat. Lil Cyrus Dunlop waħdu: Talli fix-xahar ta' Ġunju, 2011 bil-lejl ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, flimkien ma persuna/i oħra ikkommettew serq ta' diversi oġġetti fuq persuna mhux magħrufa, liema serq huwa aggravat bil-ħin; U aktar talli fil-bidu ta' Lulju 2011 ġewwa Hotel Alfons, Triq il-Qaliet, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' mobile tad-ditta Black Berry għad-dannu ta' persuna/i mhux magħrufa, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-lok. Il-Kummissarju esponent jikkunsidra dan ir-reat bħala wieħed gravi taħt l-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* **<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389. Lanqas ma hemm xi perjodu ta' riabilitazzjoni fejn jidħlu delitti kontra l-proprjeta` aggravat bil-vjolenza bħal ma jittratta l-każ odjern, a kuntrarju ta' dak li wieħed isib fil-każ ta' delitti kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta`;*

4. *Illi f'dan il-każ il-leġislatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli;*

5. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

6. *Illi finalment b'referenza għat-talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrent qieghed jikkontesta decizjoni tal-Kummissarju intimat li permezz taghha rrifjuta li johrog licenzja ta’ gwardjan privat u dan peress li rrizultalu li permezz ta’ sentenza datata 22 ta’ Settembru 2011 ir-rikorrent kien gie misjub hati ta’ delitt kontra l-proprjeta`, aggravat bil-vjolenza. Ghaldaqstant, peress li l-istess delitt huwa wiehed mid-delitti elenkati f’artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389, il-Kummissarju intimat irrifjuta li tinhareg tali licenzja.

Illi minn qari tal-istess sentenza esebita bhala Dokument F a fol. 46 *et sequitur* tal-process jirrizulta illi r-rikorrent ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u l-Qorti poggietu taht “*combination order*” ai termini tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att Dwar il-Probation) fejn gie ordnat jaghmel xoghol fil-komunita` ghal erbghin (40) siegha u wkoll gie mpoggi taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tliet (3) snin.

Illi l-argument principali tar-rikorrent huwa illi ghalkemm l-imputat instab hati tar-reati addebitati lilu, huwa ma naghatax la sentenza ta’ prigunerija effettiva u lanqas sentenza sospiza. Jissottometti illi piena taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ma ghandhiex titqies bhala dikjarazzjoni ta’ htija u dan skont kif jistipula l-istess artikolu 25 tal-imsemmija ligi.

Illi min-naha l-ohra il-Kummissarju intimat jishaq illi huwa ma kellu l-ebda diskrezzjoni meta gie ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni in kwisjtoni stante li hu tassattiv li jekk persuna tinstab hatja ta’ xi reat imsemmi fl-artikolu 10 (a) (i) irid bilfors johrog rifjut tal-licenzja.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li jkun ghaqli li jigu citati d-disposizzjonijiet relevanti invokati miz-zewg partijiet f’din il-pendenza.

Skont artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijet ta’ Malta (Att dwar il-Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita`), *“Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jirrifjuta applikazzjoni f’kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor…"*

Illi kif gia` inghad iktar 'il fuq, ir-rikorrent, permezz tas-sentenza su citata gie mpoggi taht *combination order* u Ordni ta' Probation ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Probation). Artikolu 25 tal-imsemmi Att jghid is-segwenti:-

*"(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun,minbarra –*

*(a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u*

*(b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jewkull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuqdak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat*
…
*(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta'probation u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija."*

Illi t-terminu "sanzjoni komunitarja" tfisser "*ordni ta' probation, ordni ta'servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz"* kif speċifikati f'dan l-Att Dwar il-Probation. Ma jirrizultax illi hemm xi kontestazzjoni illi l-piena inflitta fuq ir-rikorrent hija sanzjoni komunitarja.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni ***Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija***[1] fejn hemmhekk ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija kien

[1] 26 ta' April 2012 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 2014

hareg rifjut ghall-ghoti ta’ licenzja ta’ gwardjan privat wara li r-rikorrent kien instab hati ta’ reat ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-uniku differenza f’dan il-kaz kienet illi r-rikorrent Sciberras kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza mentri fil-kaz odjern ir-rikorrent inghata *combination order*. Pero` kif gie muri iktar ‘il fuq kemm sentenza fejn tillibera lill-imputat b’kundizzjoni u kemm ordni ta’ *probation* u servizz fil-komunita`, kollha huma meqjusin bhala “sanzjoni komunitarja” ai termini tal-artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta’ Malta.

Kif inghad minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, fis-sentenza sucitata b’referenza ghal dan l-ahhar citat artikolu *“Mill-import ta’ dan l-artikolu tal-Ligi huwa evidenti li s-sentenza tat-2 ta’ Marzu 2011 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-konfront tar-Rikorrent fl-ebda kaz, hlief ghal dawk specifikatament stipulati fl-istess artikolu tal-Ligi, li però ma jinkwadrawx fil-fatti tal-kaz in ezami, ma ghandha jew tista titqies bhala dikjarazzjoni ta’ htija tar-Rikorrent ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi. Huwa evidenti ghalhekk li in bazi ghal dik is-sentenza l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta’ validament u legittimament jasal ghall-konkluzjoni li r-Rikorrent instab hati ta’ reati kontra l-fidjucja pubblika u b’hekk jichad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza ta’ Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta. Apparte dan, mill-Artikolu 25(2) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta kjarament jirrizulta li d-dikjarazzjoni ta’ htija tar-Rikorrent qua persuna liberat b’mod kondizzjonali trid u ghandha tigi mwarrba ghall-finijiet ta’ kull ligi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena ohra fuq persuni b’dikjarazzjoni ta' htija, inkluz ghalhekk il-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*Il-Kummissarju tal-Pulizija ma setghax arbitrarjament jaghti tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Ligi ghas-sentenza tat-2 ta’ Marzu 2011 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Kemm-il darba l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija f’dan ir-rigward kellu jigi accettat bhala korrett jkunu qed jigu serjament ippregudikati l-uniformità u l-istabilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-Ligi u tal-gustizzja fil-konfront ta’ kulhadd.”*

Illi dan it-Tribunal jaqbel perfettament ma’ dan ir-ragunament. Il-Kummissarju intimat, ghar-raguniijet hawn fuq spjegati, ma setghax iqis l-Ordni ta’ Probation bhala dikjarazzjoni ta’ htija meta gie biex jezamina l-applikazzjoni tar-rikorrent. Iktar minn hekk is-sentenza fil-konfront tar-rikorrent ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni sabiex huwa jigi skwalifikat milli jottjeni l-licenzja *de quo*. Meta ghamel hekk mar kontra d-dettami tal-ligi.

Illi finalment fir-rigward tat-talba kif dedotta it-Tribunal jirrileva illi huwa jista' biss jissindika d-decizjoni appellata u jirrevokaha. Pero` m'ghandu l-ebda kompetenza li jawtorizza jew jordna l-hrug tal-licenzja *de quo*. Dan hu biss ta' kompetenza tal-Kummissarju intimat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrent fit-termini hawn fuq enuncjati u ghaldaqstant jirrevoka d-decizjoni appellata u jichad ir-risposta tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-Kummissarju intimat.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**